MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 12/2005

**Moses Muscat u Caroline Muscat Dougall, Adrian u Georganne konjugi Melbourne, Carmen Rossiter, Lisa Cassar, Godfrey u Carmen konjugi Attard**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2006 Joseph u Emanuela Grech gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza "*in statu et termini*".**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Moses Muscat Dougall et datat 27 ta' Lulju 2005 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp datata 30 ta' Settembru 2003, l-Awtorita'

intimata ma laqatx l-applikazzjoni ta’ Joseph Grech residenti numru 20, “Happy Days”, Triq il-Blajjiet, Marsascala sabiex l-uzu ta’ garaxx privat sottopost ghall-istess fond, jinbidel fl-uzu parzjali kemm ta’ garaxx privat kif ukoll ta’ *dance studio.*

Illi fuq appell ta’ l-istess Joseph Grech, il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar b’decizjoni tas-27 ta’ Gunju 2005, hassret id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp u ghalhekk laqghet it-talba hawn fuq imsemmija.

Illi l-esponenti, bhala residenti fl-istess triq, u cjoe’, Triq il-Blajjiet, Marsascala, u dunque fil-kapacita’ taghhom ta’ terzi interessati, hassew ruhhom aggravati b’din id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar u ghalhekk qeghdin jinterponu umli appell mill-imsemmija decizjoni ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi l-*Policies* tal-Awtorita’ tal-Ippjanar TRA 4 u BEN 1 huma applikabbli ghal din l-applikazzjoni u mill-fatti kif sejrin jigu trattati ghandu jirrizulta li kontrarjament ghal dak deciz mill-Bord ta’ l-Appell il-principji enuncjati f’dawn l-artikoli m’humiex sodisfatti u ghalhekk l-applikazzjoni *de quo* m’ghandhiex tigi milqugha.

Illi l-applikazzjoni *de quo* tmur kontra l-*Policy TRA 4* peress illi l-post ghall-ipparkjar ta’ karozzi fit-triq in kwistjoni naqas mhux biss billi tnaqqsu l-ispazju ghall-ipparkjar fil-garaxx peress li tali spazju gie mehud sabiex jintuza bhala skola, u ghalhekk zdiedet in-necessita’ ta’ parkegg ghall-karozzi proprjeta’ tar-residenti fil-fond sovrapost ghall-garaxx in kwistjoni, izda *di piu’*, in-numru ta’ karozzi waqt il-hinijiet tat-taghlim jizdied f’daqqa b’mod li johloq inkonvenjent ghall-esponenti kemm minhabba n-nuqqas ta’ parkegg, kif ukoll minhabba kongestjoni ta’ traffiku fl-istess triq, liema triq tinsab f’zona residenzjali.

Illi *di piu’,* l-Bord ta’ l-Appell, ghalkemm laqa’ l-applikazzjoni odjerna, naqas milli jimponi xi kondizzjonijiet

ulterjuri sabiex tittaffa din il-problema ta’ parkegg u ta’ traffiku, u llimita ruhu sempliciment ghal suggeriment sabiex fetha li tinsab quddiem il-garaxx in kwistjoni tintuza biex takkorda l-karozzi ta’ l-istudenti li sejrin izuru l-post, u ghalhekk f’dan is-sens il-Bord naqas milli jiehu konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar illi ssottomettew fl-appell illi huwa inaccettabbli li jintuza l-istess access kemm ghal garaxx kif ukoll ghall-iskola ghaliex dan johloq perikolu kemm ghall-istudenti kif ukoll ghall-vetturi.

Illi dawn il-problemi ta’ nuqqas ta’ parkegg u zieda sostanzjali ta’ traffiku huma inaccettabbli ukoll peress li tali skola tinsab f’zona residenzjali u ghalhekk din tmur kontra BEN 1 li tipprovdi illi:-

*“Development will not normally be permitted if the proposal is likely to have a deleterious impact on existing or planned adjacent uses because of visual intrusion, noise, vibration, atmospheric, pollution, unusually high traffic generation, unusual operating times, or any other characteristic which in the opinion of the Planning Authority would constitute bad neighborliness”.*

Illi *inoltre’*, l-operat ta’ l-iskola *de quo* jmur kontra l-istess Policy BEN 1 ukoll ghaliex jiggenera storbju mhux biss fil-forma ta’ muzika b’volum gholi izda wkoll mill-genituri ta’ l-istudenti li jkunu qed jistennew lill-uliedhom barra l-iskola, u *di piu’ ,* il-fatt li tali skola topera sa *circa* l-hdax ta’ fil-ghaxija ghandu jitqies bhala *“unusual operating time”* ghall-finijiet tal-*Policy BEN 1.*

Illi ghalhekk dawn l-ahhar aggravji ta’ parkegg u traffiku, storbju u hin ta’ operat, kollha jmorru kontra r-regoli tal-*buon* vicinat kif prottetti mill-imsemmija Policy BEN 1;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ser jigi ppruvat kif fil-fatt l-affissjoni tal-applikazzjoni pubblika in kwistjoni li kellha ssir f’isem l-applikant Joseph Grech sa mhux aktar tard mis-17 ta’ Awissu 2003, saret attwalment fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Awissu 2003, u ghalhekk hames (5) t’ijiem wara t-terminu prefiss u *in oltre* l-affissjoni ma saritx f’post

accessibbli ghall-pubbliku peress li l-access ghall-istess applikazzjoni kien maghluq bi grada li sahansitra kienet imsakkra b'fildiferru u ghalhekk l-esponenti umilment jitolbu illi l-applikazzjoni odjerna ghandha tigi ddikjarata nulla u minghajr effett skond il-ligi.

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost, l-esponenti qeghdin jinterponu umli appell ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti u bil-qima jitolbuha sabiex joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar L-Ippjanar tas-27 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet "Grech Joseph kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" u dan billi tilqa' l-appell ta' l-esponenti fis-sens li tigi wkoll ikkonfermata c-cahda tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u kwindi l-applikazzjoni in kwistjoni tigi michuda.

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-Awtorita` ta' Malta datata 10 ta' Awissu 2005 a fol. 6 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell huwa *fouri termine* u ghalhekk huwa null u bla effett u dan *ai termini* ta' l-artikolu 15 (1) tal-Att Dwar l-Ippjanar tal-1992. Illi dan qed jinghad ghaliex dan l-artikolu jaghti zmien hmistax-il gurnata (15) sabiex issir appell mill-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar u f'dan il-kaz l-appellanti appellaw wara xahar minn mindu nghatat id-decizjoni tal-Bord.

2. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi b'mod preliminari dan l-appell kif interpost mill-appellanti huwa null ukoll *stante* li ma sarx skond l-**artikolu 15 (2)** ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar (Kap 356) li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)'.*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp,** (deciza fil-

31 ta’ Mejju 1996); **Anthony Borg vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar** (A.C. – 24 ta’ April 1996); **Francis Mugliett vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar** (A.C. 31 ta’ Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar** (A.C. – 28 ta’ Frar 1997); **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp** (A.I.C. (RCP) - 28 ta’ Ottubru 2002); **Tonio Azzopardi vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar** (A.I.C. (RCP) – 28 ta’ Ottubru 2002)**.**

Illi ghaldaqstant *in vista* ta’ dawn l-eccezzjonijiet preliminari sollevati hawn fuq, l-Awtorita’ esponenti tirriserva illi taghmel eccezzjonijiet ulterjuri gialadarba dawn ma jigux akkolti minn din il-Qorti.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 27 ta’ Gunju 2005, u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti Moses u Caroline Muscat Dougall, Adrian u Georganne Melbourne, Carmen Rossiter, Lisa Cassar, u Godfrey u Carmen Attard u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar b-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 ta’ Awissu 2006 a fol. 8 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Joseph Grech kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-rikors tal-konjugi Joseph u Emanuel Grech datat 24 ta’ Ottubru 2005 sabiex jigu awtorizzati jintervjenu “*in statu et termini*”.

Rat ir-rikorsi ta’ l-istess konjugi Grech datati 3 ta’ Jannar 2006, 16 ta’ Jannar 2006 sabiex issir in-notifika ta’ l-istess rikors lill-appellanti u d-digrieti relattivi datati 11 ta’ Jannar 2006 u 19 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2006 fejn d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati bir-rikors ta’ Joseph Grech *et* u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lill-istess jintervjenu fil-kawza “*in statu et termini*”.

Illi Dr. Tanti Dougall ghall-appellanti iddikjara li Adrian u Georganne Melbourne u Carmen Attard u Lisa Cassar m’ghadx ghandhom interess aktar f’dan l-appell, u talab korrezzjoni fis-sens li wara l-isem Moses jizdied il-kunjom Muscat u wara l-kelma Caroline titnehha l-kelma konjugi u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-risposta tal-konjugi Joseph u Emanuela Grech datata 8 ta’ Marzu 2006 fejn sostnew:-

1. Illi b’mod preliminari r-rikors tal-appell intavolat minn Moses u Caroline konjugi Muscat Dougall, Adrian u Georganne konjugi Melbourne, Carmen Rossiter, Lisa Cassar, Godfrey u Carmen Attard huwa null *stante* li tardiv u dan billi gie ntavolat xahar wara l-qari tad-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar meta l-ligi tippreskrivi li l-appelli minn decizjonijiet ta’ dan il-Bord ghandhom isiru fi zmien hmistax-il jum mill-qari tad-decizjoni (Artikolu 15 (10) Kap 356).

2. Subordinatament u wkoll b’mod preliminari l-appell wkoll huwa null *stante* li l-appellanti ma kienux *objectors* ghall-applikazzjoni odjerna u ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi m’ghandhomx dritt ta’ appell (artikolu 32 (5) – Kap 356).

3. Subordinatament u bla pregudizzju ghal premess ir-rikors ta’ l-appell huwa wkoll null *stante* li huwa bbazat fuq fatti nterpretati mill-Bord mentri l-Ligi tistipula li d-dritt ta’ l-appell jezisti unikament fil-konfront ta’ *punti ta’ ligi decizi mill-Bord* (artikolu 15 (2) tal-Kap 356).

Ghalhekk l-appell ta’ Moses u Caroline Muscat Dougall, Adrian u Georganne konjugi Melbourne, Carmen Rossiter, Lisa Cassar, Godfrey u Carmen konjugi Attard ghandu jigi respint *in toto* bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stess.

Rat il-verbali tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2006 fejn fost affarijiet ohra Dr. Ian Vella Galea irrefera li bl-artikolu 57 ta’ l-Att VI tal-2002 gie revokat l-artikolu 15 (10) tal-Kap 356 u l-kawza thalliet sabiex il-partijiet jivverifikaw l-istess.

Rat in-nota ta’ l-Awtorita’ appellata datata 3 ta’ Ottubru 2006 fejn irrefera ghall-artikolu 226 tal-Kap 12, u dan ghaliex l-artikolu 15 (10) tal-Kap 356 kien gie mnehhi permezz ta’ l-Att VI ta’ l-2002.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2006 fejn Dr. Simon Micallef Stafrace ghall-intervenuti fil-kawza irtira l-ewwel eccezzjoni;

Rat ir-rikors ta’ l-Awtorita’ appellata datat 11 ta’ Ottubru 2006, ir-risposta ta’ l-appellanti datata 6 ta’ Novembru 2006 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 7 ta’ Novembru 2006 fejn cahdet it-talba peress li gie deciz li tali eccezzjoni tbiddel sostanzjalment l-eccezzjonijiet imressqa mill-appellati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Jannar 2007 fejn Dr. Claire Stafrace Zammit irtirat l-ewwel eccezzjoni u l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-*file* PA 03932/03.

Rat in-nota ta’ l-Awtorita’ appellata datata l-1 ta’ Marzu 2007 fejn esebit l-istess *file*.

Rat in-nota ta’ l-appellanti datata 14 ta’ Marzu 2007 fejn gew esebiti dokumenti “A” sa “H”.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta’ Marzu 2007 u 9 ta’ Mejju 2007 fejn dan l-appell thalla ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-ewwel eccezzjoni li din il-Qorti ser titratta hija t-tieni eccezzjoni li giet sollevata mill-intervenuti fil-kawza fis-sens li l-appellanti ma kienux *objectors* ghall-applikazzjoni odjerna u ghalhekk ma ghandhomx dritt ta' appell.

Illi mill-*files* relattivi u mill-provi prodotti f'din l-istanza jirrizulta li fil-fatt l-istess appellanti kienu oggezzjonaw *ai termini* tal-ligi permezz ta' ittra datata 28 ta' Awissu 2003 u dwar dan inghatat *acknowledgement* ta' l-istess fil-5 ta' Settembru 2003 u b'hekk jidher mill-atti relattivi li l-appellanti adderixxew ruhhom ma' dak li jipprovdi l-**artikolu 32 (5) tal-Kap 365** u ghalhekk jikkwalifikaw bhala appellanti skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (1) (d) (i) u (iv) tal-istess Kap** u b'hekk it-tieni eccezzjoni ta' l-intervenuti fil-kawza qed tigi michuda.

Illi dwar il-mertu ta' l-appell ta' l-istess terzi persuni dan huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma applikax il-*Policies* TRA 4 u BEN 1 ghall-kaz in ezami li tikkonsisti f'applikazzjoni sabiex l-intervenuti fil-kawza, wkoll residenti fil-fond 20, Happy Days, Triq il-Blajjiet, Marsascala, jbiddlu l-uzu ta' garaxx privat sottopost ghall-istess fond ghall-garaxx privat u ghall-*dance studio*.

Illi fid-decizjoni tieghu l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar wara li rrefera ghall-istess *policies* indikati ssostna li l-izvilupp ser ikun jista' jservi kemm ta' parkegg u kemm ghal *dance studio* b'dan li gie kkonstatat li l-attivita' li tista' ssir fil-post hija wahda pjuttost zghira, u b'hekk in-numru ta' karozzi li tali attivita' tista' tiggenera ma hijiex kbira u hemmx ftuh quddiem il-garaxx li setgha jakkomoda kemm lill-karozzi u kemm lill-istudenti, u b'hekk iddecieda li l-impatt normali ta' l-attivita' *per se* fuq iz-zona residenzjali huwa minimu u accettabbli fic-cirkostanzi u b'hekk iddecieda li jawtorizza l-istess zvilupp bil-kondizzjonijiet hemm indikati.

Illi l-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-appellati u mill-intervenuti fil-kawza hija fis-sens li dan l-appell ma huwiex dak permessibbli skond l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** li jipprovdi:-

Illi din il-Qorti diga' kellha diversi opportunitajiet sabiex tiddeciedi dwar l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356** u ghalhekk a skans ta' repetizzjoni tirreferi ghall-istess decizjonijiet, whud minnhom kwotati mill-istess awtorita' appellata. Ghall-iskop ta' din is-sentenza jinghad illi fis-sentenza **"Charles Demicoli vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 27 ta' Jannar 2003) gie ritenut li: -

*"L-artikolu 15(2) ta' l-Att 1 ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell.*

*Illi johrog car minn ezami akkurat ta' din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista' tirrevedi* <u>*biss*</u> *kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi l-istess fis-sentenza fl-ismijiet **"Michael Gatt vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A. C. - deciza 19 ta' Novembru 2001 – Appell Numru 220/00) inghad:-

*"Din id-disposizzjoni tal-Ligi giet interpretata minn din il-Qorti f'hafna okkazjonijiet ricentement. Din il-Qorti tista' tirrevedi u tissindika biss dawk id-decizjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punt ta' dritt li jkun gie deciz mill-Bord. Dan ifisser li l-Ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq*

*kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u fuq kwistjonijiet ta' l-ippjanar li jkunu jinvolvu sempliciment aspetti teknici. Lanqas ma hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew decizi fid-decizjoni appellata tal-Bord."*

Illi din l-interpretazzjoni ristrettiva hadet xejra ohra fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Cassar vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fil-31 ta' Mejju 2002 fejn intqal illi:-

*"Huwa veru li interpretazzjoni esklussivament litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni twassal ghall-konkluzjoni li s-sottomissjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar hija wahda legalment korretta. Pero' il-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma waqfitx biex tistrieh esklussivament fuq l-interpretazzjoni litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni, cioe'* ***l-artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru 1 tal-1992.*** *Jekk punt tad-dritt ikun necessarjament involut fid-decizjoni tal-Bord, allura appell fuq l-istess punt ta' dritt ikun ammissibbli lil din il-Qorti ta' revizjoni, ghaliex il-Bord ikun iddecieda l-istess punt ta' dritt, sia' pure tacitament. Hekk, per ezempju, nsibu diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti li ddikjarat appell ammissibbli meta tigi sollevata l-eccezzjoni li l-Bord ikun agixxa ultra vires. Dan sostanzjalment fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda indirettament u tacitament li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kif iddecieda d-decizjoni tieghu."*

Illi pero' xorta jibqa' l-fatt li l-kompetenza ta' din il-Qorti skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kap 356** hija wahda limitata u fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*'Irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-imsemmi Att 1 ta' l-1992, hija wahda limitata hafna. Dan billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni*

*... Illi dan billi l-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali interpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti, m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikhom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni.*

Illi dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-*policies* u l-applikazzjoni ta’ l-istess ghall-fatti tal-kaz maghmula mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar mhijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Qorti, fosthom dik fis-sentenza fl-ismijiet **“Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar”** (deciza 28 ta’ Frar 1997 – Qorti ta’ l-Appell) fejn l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*‘Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cioe` l-Artikolu 15 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp) li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta.’*

Illi l-istess insenjament gie kkonfermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **“Delicata vs Awtorita' ta' l-Ippjanar”** (deciza 31 ta’ Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta’ l-Appell) fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien pprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*“Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u nterpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f’punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' Bord fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.”*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dak li ghamel il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess imsemmija decizjoni kien biss li huwa applika l-*policies* li kellu quddiemu. Dawn il-*policies* kienu t-tnejn vigenti fiz-zmien ta’ processar ta’ l-applikazzjoni quddiemu ghall-izvilupp in kwistjoni u jirrizulta wkoll li dan ghamlu *entro* l-kompetenza tieghu. Allura certament li dan kollu ma jinkwadrax ruhu bhala appell li jista’ jsir quddiem il-Qorti abbazi ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356.**

Illi din il-Qorti thoss li fil-fatt l-appell interpost mhuwiex hlief appell minn punt ta’ fatt u mhux kif qed isostni l-appellant li huwa fuq punt ta’ ligi. F’dan is-sens din il-Qorti thoss li fid-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kull ma’ kien hemm kien applikazzjoni tal-*policies* applikabbli ghall-kaz in ezami, u dan kien fil-kompetenza esklussiva ta’ l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u ma hemm ebda interpretazzjoni ta’ Ligi b’mod li jista’ jinghad li dan l-appell jaqa’ fit-termini ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi fil-fatt l-appell odjern huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li tali zvilupp propost u cjoe’ li l-imsemmi *garage* ser jintuza’ bhala *dance studio* imur kontra l-*Policy TRA 4* peress li allegatament kien ser jitnaqqas l-ispazzju ta’ *parking* tar-residenti stess tal-fond sovrastanti, haga li l-Bord jidher li kkonsidra u ma qabilx maghha peress li l-istess fond xorta kien ser jibqa’ jservi bhala post tal-karozzi privati; dwar in-numru ta’ karozzi li tali attivita’ tiggenera, l-istess Bord hass li peress li l-attivita’ hija wahda ta’ skala pjuttost zghira, l-attivita’ li tista’ b’hekk tinholoq ma hijiex kbira u li

tali attivita' kienet ghalhekk accettabbli fic-cirkostanzi u b'hekk jidher car li l-istess Bord ma hassx li din l-attivita' kienet ser tikkawza *unusually high traffic generation,* anke ghar-ragunijiet spjegati fl-istess decizjoni tal-Bord. Dwar l-istess uzu u l-hsejjes jidher li l-istess Bord impona diversi kondizzjonijiet kif jidher mill-istess sentenza u in partikolari l-kondizzjonijiet numri 1 sa 4 f'pagna 7 ta' l-istess decizjoni.

Illi minn dan kollu jidher li certament li kull ma ghamel l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien li applika l-*policies* ghall-fatti quddiemu u ma kien hemm ghalhekk l-ebda punt ta' dritt determinat mill-istess Bord fis-sentenza tieghu li jista' jaghti lok ghall-appell quddiem din il-Qorti skond il-provedimenti ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi dan ifisser li din il-Qorti ghandha ssegwi l-insenjamenti pronunzjati fis-sentenzi fuq citati nkluza dik ta' **"Noel Bonnici vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza fil-30 ta' Marzu 2006) fejn jinghad:-

*"Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dak li ghamel il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess imsemmija decizjoni kien biss li huwa applika l-policies li kellu quddiemu. Dawn il-policies kienu t-tnejn vigenti fiz-zmien ta' processar ta' l-applikazzjoni quddiemu ghall-izvilupp in kwistjoni u jirrizulta wkoll li dan ghamlu entro l-kompetenza tieghu. Allura certament li dan kollu ma jinkwadrax ruhu bhala appell li jista' jsir quddiem il-Qorti abbazi ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap.356.** Infatti l-appell interpost mhuwiex hlief appell minn punt ta' fatt u mhux kif qed isostni l-appellant li huwa fuq punt ta' ligi. F'dan is-sens din il-Qorti thoss li fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kull ma' kien hemm kien applikazzjoni ta' l-Iskemi Temporanji u l-policies applikabbli ghall-kaz in ezami, u dan fil-kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar….".*

Illi l-istess japplika ghall-allegazzjoni li saret li l-affissjoni ta' l-applikazzjoni pubblika mill-intervenut fil-kawza ma saritx fis-17 ta' Awissu 2003 izda fit-22 ta' Awissu 2003 u

li l-istess ma saritx f'post accessibbli ghall-pubbliku. Dwar l-istess jinghad li din wkoll hija punt ta' fatt li jaqa' fil-kompetenza eskussiva ta' l-organi ta' l-Awtorita', u dan apparti li mill-atti jidher li l-istess allegazzjoni mhux biss bl-ebda mod ma jista' jinghad li giet ippruvata, izda jidher li fuq kollox dawn l-allegati lanjanzi qatt ma gew b'xi mod trattati fid-decizjonijiet ta' l-Awtorita' u fl-istess decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u ghalhekk ma jistax ikun li dan jista' jigi kkunsidrat bhala punt ta' appell quddiem il-Qorti u dan ghaliex certament ma jaqax taht id-disposizzjonijiet imsemmija ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi jinghad ukoll li l-istess appellanti kienu jattendu ghall-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kif jidher mill-verbali tas-seduti quddiem l-istess Bord datati 20 ta' April 2005 u l-istess appellanti kienu wkoll qed jircievu notifiki tas-seduti quddiem l-appell u wkoll baghtu l-oggezzjonijiet taghhom ghall tali zvilupp, b'hekk li jidher li kull dritt li l-istess appellanti odjerni kellhom li jippartecipaw fl-ipprocessar ta' l-istess applikazzjoni nkluz fl-istess proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u kemm quddiem din il-Qorti (dejjem fil-limiti tal-kompetenza ta' din il-Qorti) ma gie bl-ebda mod ippregudikat, b'dan li jirrizulta li l-istess appellanti kienu *ben* informati bl-istess zvilupp u dan jidher car kemm mill-*file* Numru 3932/2003 u wkoll l-*file* ta' l-appell quddiem il-Bord numru 307/03. B'hekk dan l-aggravju certament ma huwiex permessibbi f'dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi kollu kemm huwa michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' appellata u tal-intervenuti fil-kawza dwar it-terminu tal-prezentata ta' l-appell u dan *stante* li l-istess gew ceduti rispettivament mill-istess Awtorita' appellata u mill-intervenuti fil-kawza, u filwaqt li

tilqa' l-kumplament tar-risposta ta' l-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 10 ta' Awissu 2005 inkwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad t-tieni eccezzjoni tal-intervenuti fil-kawza fir-risposta taghhom datata 8 ta' Marzu 2006, u tilqa' l-kumplament ta' l-istess risposta biss in kwantu konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti ndikati fir-rikors ta' l-appell taghhom tas-27 ta' Lulju 2005** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Joseph Grech vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 27 ta' Gunju 2005.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu ta' l-appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------